MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1381/1994/1

**Martin E. Bonello Cole, u b`digriet tal-31 ta` Jannar 2013 l-atti tal-kawza f`isem Martin E. Bonello Cole gew trasfuzi f`isem Carl Bonello-Cole, stante l-mewt tieghu ; Joseph P. Gauci ; Renald P. Micallef ; Mark A. Bugeja ; Austin R. Demajo ; Joseph A. Pullicino f`isimhom proprju u bhala socji fid-ditta ta` Accountants u Udituri Pubblici Grant Thornton Malta**

***kontra***

**Sammy Meilaq bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza ta` Malta Drydocks corporation maghrufa bhala t-Tarzna ta` Malta u b`digriet tat-18 ta` Mejju 2010 Joseph Croker f`isem il-Gvern assuma l-atti minflok il-Malta Drydocks**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-14 ta` Ottubru 1994 li taqra hekk –

*1. Premess illi d-ditta ta` Accountants u Udituri Pubblici Emmanuel Bonello & Co. giet inkarigata mill-konvenut Malta Drydocks Corporation sabiex taghmel certi prestazzjonijiet professjonali u servizzi professjonali, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ;*

*2. Premess illi d-ditta ta` Accountants u Udituri Pubblici Emmanuel Bonello & Co ghamlet fuzjoni mad-ditta ta` Accountants u Udituri Pubblici Gauci Micallef & Co fid-ditta Bonello Gauci & Micallef & Co li wara bidlet isimha fi Grant Thornton Malta ;*

*3. Premess illi d-ditta attrici fadlilha tiehu minghand il-konvenut Malta Drydocks Corporation is-somma ta` sebgha u ghoxrin elf erba` mija u sbatax-il Lira (Lm27,417) ghal prestazzjonijiet professjonali maghmula minn Bonello Gauci Micallef & Co u Grant Thornton Malta kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ;*

*4. Premess illi l-korporazzjoni konvenuta giet inutilment interpellata thallas ;*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti :*

*1. Tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas is-somma ta` sebgha u ghoxrin elf erba` mija u sbatax-il Lira (Lm27,417) bhala bilanc ta` drittijiet ghal prestazzjonijiet professjonali.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez.*

*Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine prezentata fit-23 ta` Novembru 1994 li taqra hekk –

*1. Illi l-atturi ghandhom jipprezentaw kemm il-ftehim bejn id-ditta Emmanuel Bonello & Co. li bih huma jallegaw li nghataw l-inkarigu ghall-prestazzjonijiet li taghhom qed jitolbu l-hlas, kif ukoll il-kuntratt li bih Emmanuel Bonello & Co ghamlet fuzjoni mad-ditta Gauci Micallef & Co., kif ukoll tal-bdil tal-isem fi Grant Thornton Malta ;*

*2. Illi t-talba attrici ghall-hlas ta` sebgha u ghoxrin elf, erba` mija u sbatax-il lira (Lm27,417) hija nfondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi rigettata.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat il-provi li ressqu l-partijiet.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ghamlu l-atturi.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamel id-difensur tal-konvenut nomine.

Rat illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**L-attur Joseph Gauci** xehed illi huwa partner fid-ditta ta` awdituri Grant Thornthon. Fl-1990 sar ftehim bejn Malta Drydocks u d-ditta Emanuel A Bonello fejn kien specifikat ix-xoghol li kellha taghmel id-ditta bi hlas u fejn inghad li ghal xoghol ulterjuri d-ditta kellha tircievi hlas separat. Kienet intbaghtet ittra lis-segretarju tad-Drydocks fejn fiha kien hemm spjegat x` areas kienu ser jigu ezaminati u fejn kien ser isir ix-xoghol. L-ittra kienet tal-25 ta` April 1990. Hemm inghad illi jekk jigu moghtija dak ix-xoghol, kwalunkwe xoghol ulterjuri kien sejjer jithallas separatament. Fid-29 ta` Ottubru 1990 saret ittra ohra fejn kien konfermat l-inkariku u fejn kien ikkonfermat il-kontenut ta` l-ittra tal-25 ta` April 1990. F`Mejju, id-Dockyard baghtu ittra fejn fost ohrajn kien imnizzel illi sabiex jigi terminat l-inkarigu, kellha tinghata notice ta` tlett xhur u li jekk id-Dockyard tkun trid li jsiru prestazzjonijiet ohra, kellu jsir ftehim ad hoc.

Ix-xhud qal li d-Drydocks giet infurmata illi fejn jinstab xoghol li minhabba n-natura tieghu kellu bzonn aktar dettall, id-Drydocks kellhom jikkonfermaw jekk ridux li x-xoghol isir. Ghadda z-zmien u x-xoghol beda jsir komplikat, ghax beda jirrizulta li kien hemm bzonn ta` aktar investigazzjoni fid-dettal ta` certa affarijiet li bdew jigu ttestjati. Ix-xoghol ma kienx kif sar il-ftehim u mhux fl-areas li kellhom jahdmu fihom. Infurmaw b`dan kollu lic-Chairman tad-Dockyard fit-8 ta` April 1990, izda qatt ma kien hemm risposta ghall-korrispondenza li kienet tintbaghat.

Ix-xhud qal li fl-1991 id-ditta Emanuel A. Bonello inghaqdet mad-ditta Gauci Micallef. Id-DryDocks giet infurmata. Fil-fatt id-Deputy Chairman tad-Dockyard kiteb f`Gunju 1991 fejn ikkonferma li l-kuntratt kien gie estiz.

Ix-xhud fisser illi x-xoghol baqa` ghaddej u d-Drydocks hallset sa dak il-punt is-servizz ta` l-atturi. Il-ftehim originali kien jikkontempla li d-Drydocks taghti nies minn taghha sabiex tghin lill-atturi jlahhqu max-xoghol. Kien biss wara Awissu 1991 illi l-atturi nghataw nies mid-Drydocks izda dawn ma kinux nies ta` livell ta` audit bhalma l-atturi kienu mweghda li jinghataw. F` Ottubru 1991, rega` kiteb sabiex l-mizata tizdied minhabba s-sitwazzjoni vigenti. Fl-ittra, Gauci spjega li kien gie ccarat li n-nies li kienu nghataw ma kinux jifhmu fl-accounts u fl-audit, u li huma kienu lesti li jharrguhom bil-kundizzjoni li jkun hemm zieda fil-mizata. Huma spiccaw harrgu lil dawn il-haddiema u sar ftehim li l-hlas kellu jsir sa Gunju 1992 u li l-mizata kellha tkun Lm11,500 minflok Lm5,000.

Kompla jixhed illi meta wasal Gunju 1992, huwa baqa` miexi bix-xoghol u bl-investigazzjonijiet. Fl-20 ta` Awissu 1992 rega` kiteb lic-Chairman u infurmah illi peress li s-sistemi ta` kontroll kienu ilhom snin ma jigu reveduti, kien hemm bzonn ta` investigazzjoni shiha u rapport dettaljat. Fl-istess ittra, huwa informa lic-Chairman illi l-mizata fix-xahar kellha tkun ta` Lm1100. Sar pagament sa Novembru ta` Lm1800. Fuq statement tad-19 ta` Awissu 1993, kien ssenjalat : `*paid on account Lm1800*`.

Gauci kompla jghid illi fl-1992 hareg rapport fejn gew zvelati dawk in-nies li m`ghamlux xogholhom, in-nuqqasijiet li nstabu, kif ukoll issemma kaz ta` serq fejn il-kunsill tad-Dockyard intalab jiehu azzjoni legali. Ir-rapport ma kienx ghogob lill-membri tal-kunsill u bdew jallegaw li x-xoghol taghhom ma kienx tajjeb. Sa dak il-mument, hadd ma qal li ma kinux ser ihallsu. Mid-Dockyard baghtu ghalih biex jigi diskuss ir-rapport. Id-Dockyard kienu jafu bil-mizata ghax huwa kien dejjem ghamel car il-punt.

Ix-xhud sostna illi meta ntbaghtet il-claim ghall-hlas qalulhom li kienu se jzommu l-pagament. Ix-xhud ipprezenta l-minuti li ghamlu l-konvenuti. Rega` baghtu ghalih ghal laqgha ohra. Huwa avzahom illi kien ser jattendi l-laqgha bla pregudizzju ghall-kwistjoni tal-hlas. Fil-laqgha kien miftiehem li jintbaghat impjegat tieghu u jerga` jkompli bix-xoghol bir-rata miftehma. Fl-20 ta` Settembru 1992, kitbu lic-chairman sabiex l-atturi jithallsu l-pagament li kien fadal. Meta sal-25 ta` Novembru 1992, ma kienx ghadu sar hlas, rega` kiteb lic-chairman fejn kien infurmah li jekk ma jsirx il-hlas, huwa kien ser iwaqqaf is-servizz.

Gauci spjega li fil-15 ta` Dicembru 1992, huwa tkellem ma` membri tal-kunsill tat-tarzna. Qalulu li setghu jsibu mezz kif jirrangaw. Kiteb ittra dettaljata fejn spjega li ma kienx lest joffri servizz mhux adegwat. Saret laqgha ohra li ghaliha kienu prezenti hu, Dr Scriha, Dr Lia, Dr Degabriele, u s-Sinjuri Darmanin u Debono xi disa` xhur wara. Fit-23 ta` Settembru 1993, Lino Gatt mill-kunsill tat-tarzna baghat ittra fejn spjega li huwa kien lest ihallas Lm253 u ma` l-ittra baghat dokumenti dettaljati. Huma baghtu l-minuti dettaljati tal-laqgha bid-dettalji kollha tax-xoghol li sar. Infurmahom li ghall-investigazzjonijiet ma kienx ghadu hareg kont. Hadd ma rrisponda.

Ix-xhud kompla jghid illi fit-13 ta` Frar 1993, kiteb Dr Lia fejn qal li kienu taw Lm6500 biex jitharrgu n-nies. Kien domandat kif kienu mharrga in-nies. Min-naha taghhom kien hemm risposta b`ittra tat-23 ta` Frar 1993. Hemm saret referenza ghax-xoghol li sar, ghar-rapport dettaljat u ghall-internal memo ta` Mejju 1992 li ntbaghat lic-Chairman. Fl-ittra, inghad x`kien qed jaghmel kull impjegat tat-tarzna li kien fl-audit department u dwar it-tahrig tieghu.

Gauci qal li aktar tard fiz-zmien it-tarzna baghtu ittra lil Grant Thornton International fejn ilmentaw (i) li ma sarx xoghol tajjeb u ghalhekk ma setghux imorru ghand il-pulizija ; (ii) li l-Inglizi setghu imorru jaraw il-files taghhom u (iii) li Lm6500 li nghataw ghal stharrig thallsu nutilment peress li l-atturi ma kienux ghamlu il-hin li kellhom jaghmlu ghall–istharrig. Huwa wiegeb ghal dawk l-ilmenti izda baqa` bla risposta mit-Tarzna. Ix-xhud ipprezenta dokumenti. Cahad illi t-Tarzna kienet hallset ghal spejjez tal-karozza tieghu. Fil-fatt huwa stess hallas ghal dawk l-ispejjez u pprezenta dokument in konferma. Ipprezenta wkoll estratti minn gazzetti. Kompla jghid illi wara li saret il-kawza, ma sar l-ebda pagament u lanqas kuntatt mat-Tarzna.

Fil-**<u>kontroezami</u>** ix-xhud spjega illi huwa kien telaq il-partnerhip li kellu ma` l-atturi l-ohra wara li saret il-kawza tal-lum. Huwa kien ghad kellu interess fl-esitu ta` din il-kawza peress li kien ghad kellu flus x`jiehu mill-ftehim mat-Tarzna. Kif kellhom jiehdu wkoll l-atturi l-ohra.

Ix-xhud ipprezenta dokument li juri l-merger li kien sar bejn id-ditti ta` awdituri. Fid-dokument hemm riferenza ghat-Tarzna u ghal klijenti ohra. Kien indikat il-bilanc dovut. Huwa kellu dritt jiehu 50% tad-dhul. Ipprezenta wkoll kopja tal-minuti tal-laqgha mal-kunsill tat-Tarzna.

Qal illi originarjament it-talba kienet ta` Lm8,500 ghal sena kif ukoll rata fis-siegha ghal xoghol addizzjonali. Huma kellhom l-inkariku li jhejju hafna rapporti. Ghalhekk is-somma lahqet it-Lm22,000. Insista li fl-1990 kien hemm ftehim ta` Lm8,500. L-*engagement letter* hija dik tat-8 ta` April 1991. Kien hemm l-ittra fejn gew accettati l-fees a fol 32. Fl-1990 ma kienx hemm talba ghal xogholijiet addizzjonali. Fil-

15 ta` Dicembru 1992, huma talbu li jinbidlu l-kondizzjonijiet qabel ma` jitkompla x-xoghol. Ghall-bidu ma hallewx in-nies ikomplu pero` in segwitu sar il-ftehim a fol 76. L-ittra a fol 77 kienet parti mill-ftehim ; kien *interim agreement.* Fl-1993 sar ftehim dwar *audit* ghal Lm8,500.

Ix-xhud sostna illi huwa qasam il-bilanc dovut fi tnejn. Dejjem kien kontestat li l-investigazzjonijiet kellhom jithallsu separatament. Insista li kien hemm korrispondenza mnejn jirrizulta li l-mizata ta` Lm5,000 inbidlet ghal Lm8,500. Il-figura ta` Lm27,800 kienet tikkonsisti minn bilanc ta` Lm3,800 skond il-ftehim, u l-Lm24,000 ghall-investigazzjonijiet.

**Lawrence Bilocca** – Kontrollur Finanzjarju ta` Malta Drydocks –xehed illi d-ditta attrici kien jisimha Bonello u wara saret Grant Thornton. Muri d-dokument a fol 81, ighid li fid-dokument ma kien hemm il-kitba tieghu, izda kien hemm biss it-timbru tad-dockyard finance office. Dak l-ufficcju ma kienx jaqa` fl-inkariku tieghu. Ikkonferma li bhala pagamenti li saru lill-atturi kien hemm pagament ta` Lm1,800 ; dak il-hlas sar minghajr l-accettazzjoni ta` l-invoice ta` l-awdituri. It-Tarzna kienet taf li kellha thallas izda mhux l-ammont li kien pretiz mill-atturi. It-Tarzna tat ammont ta` ftit inqas minn dak li kienet qeghda tghid li kellha thallas. L-invoices jintbaghtu lic-Chairman tad-Dockyard ; l-invoices qatt ma kienu ffirmati mic-Chairman.

Ix-xhud fisser illi fl-ufficcju tieghu rrizulta li kien hemm tlett kwalitajiet ta` ftehim ma` l-atturi : wiehed kien ta` Lm5,000 fis-sena ; iehor floku bi hlas ta` rata fis-siegha ; u iehor b`inkariku specifiku li jitharrgu nies mit-tarzna. Il-ftehim ta` Lm5,000 kien thallas kollu fuq perijodu ta` snin. Il-hlas ta` Lm6,500 ghal stharrig ta` nies thallas ukoll. Il-ftehim biex isir hlas b`rata fis-siegha kien il-ftehim li kellu jissostitwixxi l-ftehim ta` hlas ta` Lm5,000 fis-sena. Is-servizz kien tal-istess natura. Ix-xoghol ta` l-internal investigation ma kienx jaf bih. Lanqas ma kien jaf jekk sar hlas kienx jirrigwarda internal investigation.

**Lino Gatt** – membru tal-kunsill tat-Tarzna u Chairman tal-Finance and Audit Committee – xehed li l-kunsill kien hadem mad-ditta attrici. Originarjament il-ftehim ma` Bonello sar fl-1990 u kien jittratta hlas ta` Lm5,000 maqsuma fuq perijodu ta` 12-il xahar. Dan l-arrangament qatt ma nbidel hlief meta ntalab servizz addizzjonali dwar

stharrig ta` impjegati ; hemm sar ftehim ta` hlas ta` Lm6,500. Il-ftehim kien iffirmat minn John Darmanin - segretarju tal-kunsill. Dwar l-istharrig ta` l-impjegati, kienu nghataw hames sezzjonijiet biss lil tlieta jew erbgha min-nies ; ghalhekk il-hlas ta` Lm6,500 kien inghata ghal bejn wiehed u iehor erbat ijiem xoghol. Kien hemm korrispondenza bejn Joseph Gauci u John Darmanin. Ma jafx li kien hemm xi ftehim li bih id-ditta attrici kellha b`zieda mal-Lm5,000. Id-ditta attrici kien fadlilha tithallas biss Lm283.30c3. Insista li meta huwa kiteb l-ittra a fol 79, kien jaf bil-korrispondenza skambjata.

Ix-xhud qal illi l-finance committee huwa ffurmat minn chairman li huwa membru tal-kunsill ; il-financial controller ; l-awditur ; il-kumitat tax-xoghol ; u rapprezentant tat-taqsima tal-metall tal-GWU. Darba kull xahar jew kull xahar u nofs kienet issir laqgha ta` dan il-kumitat ; ghal kull laqgha seta` jippartecipa kwalunkwe manager. Huwa kien jiltaqa` ma` l-awditur l-hin kollu ; mhux veru li fi tliet snin iltaqa` biss darba. Ir-rapporti ta` l-awdituri kienu mportanti ghall-kumitat ; mhux dejjem kien jaqbel mar-rapport ta` l-awdituri. Huwa ma kienx qabel maz-zieda li ried l-awditur ; u fil-fatt qallu b`dan. Minhabba f`hekk insista li ssir tender gdida u tqabbad awditur gdid. Tant iltaqa` ma` Joseph Gauci illi kien hemm anke incidenti ta` dizgwid bejniethom li huma kollha nkluzi fil-minuti tas-seduti tal-kunsill. Huwa ma kienx prezenti ghal-laqgha fejn kellha tigi diskussa l-kwistjoni sollevata minn Joseph Gauci.

Ix-xhud fisser illi l-laqghat li saru ma` Gauci ma kienux committee meetings. Kienu kuntatti diretti tieghu ma` Gauci. Bhala Chairman tal-Kumitat huwa qatt ma nghata xi rapport minghand Gauci. Dwar ir-rapport li sar dwar serq ta` zebgha, Gauci ma kellux iwiegeb lill-Kumitat li kien jippresjedi hu. Dwar il-kaz ta` oggezzjoni li saret dwar prodott li kien inxtara b`certu prezz, kienet dahlet il-Pulizija u l-kunsill kien ha passi wara li rcieva r-rapport. Kien prezenti ghal-laqgha tal-kunsill meta kienet diskussa din il-kwistjoni, izda ma kienx prezenti meta ttiehdet d-decizjoni dwar ir-rapport ta` Gauci. Huwa jkun prezenti fil-kunsill meta issir xi policy jew meta jinbidel xi manager. Huwa kellu access ghal minuti tal-laqghat.

Ix-xhud qal li meta ntalbet zieda fil-mizata, huwa kien irrisponda li l-ftehim kien ta` Lm5,000 ghal sena u li huwa ma kienx lest jaqbel li jkun hemm awment. It-talba kienet ta` Lm1,100 ghal kull xahar minflok Lm416.66c. Qatt ma kien accettat li l-hlas ikun ta` Lm8,500. Gauci talab li jsir ftehim iehor ghal training tal-audit staff fuq bazi ta` sitt xhur ghas-somma ta` Lm6,500. Dan kien ftehim separat minn tal-Lm5,000.

Gauci ghamel biss erba` lezzjonijiet ta` saghtejn–il wahda lil tmienja min-nies. Ghal dan it-tahrig, it-Tarzna hallset kif kien patwit.

Qal li apparti ghal dawn il-ftehim, ma sar l-ebda ftehim iehor.

Skond ix-xhud, kull servizz iehor kellu jkun mertu ta` ftehim separat u ad hoc. L-invoices li Gauci kien jibghat ta` Lm1,100 fix-xahar qatt ma gew approvati. Meta nqalghu l-kwistjonijiet, saru diversi laqghat tal-kunsill. Qatt ma sar ftehim dwar rati ta` hlas fis-siegha. Kienet saret talba biex mill-1 ta` Jannar 1993, ikun hemm zieda fil-mizata izda lanqas din ma giet accettata. Ic-chairman kien kiteb lill-awditur li kien lest li jhallas Lm10 fis-siegha mit-18 ta` Jannar 1993. Anke dan il-hlas sar. Kull fejn kien hemm ftehim accettat mit-tnejn, sar il-hlas kollu.

Xehed illi hadd mill-kunsill hlief ghal zewg membri li kienu favur Grant Thornton ma kien jaf b`investigazzjonijiet li allegatament saru. Il-ftehim ma` Bonello kien il-kuntratt originali ; dan sar fil-11 ta` Mejju 1990 ghal Lm5,000 ghal sena. Meta dahal fix-xena Joseph Gauci, wara xi zmien kien tkellem mieghu dwar awment u huwa kien immedjatament wiegbu li kien hemm il-ftehim ta` Lm5,000 u li jekk kienet ser issir talba ghal xi awment kellha ssir bil-miktub. L-uniku ftehim iehor kien dak tas-Lm6,500.

Xehed illi huwa dam membru tal-kunsill bejn l-1983 u l-2000. Il-membri tal-kunsill kienu disgha u kienu jigu eletti mill-haddiema tat-Tarzna. Huma kienu jaghzlu c-Chairman minn fosthom. Gauci kien ikellmu dwar travel expense claims li kienu jsiru mill-kunsill, mit-tmexxija u mill-haddiema. Huwa personalment kien joqghod attent ferm li jekk ser jinxtara oggett, ma jkunx hemm ghalfejn jinxtara z-zejjed. Gauci kien iwiegeb lic-Chairman. Huwa qatt ma talab lil Gauci jaghmel investigazzjonijiet. Qatt ma ra lil Gauci jaghmel investigazzjoni. Dwar il-lista ta` tletin investigazzjoni, xehed li dawk kienu jsiru minn membru tal-kumitat tax-xoghol u mhux mill-awditur. Sema` bl-istharrig dwar zebgha pero` ma jafx fic-cert kienx dak ir-rapport kienx mar quddiem il-kunsill.

**Sammy Meilaq** – ex Chairman tal-Kunsill tat-Tarzna – xehed illi Grant Thornton kienet inkarikata biex taghmel internal audit. Kien kuntratt annwali. Jaf li kienet inqalghet kwistjoni dwar il-professional fees taghhom.

**Joseph Dingli** xehed illi huwa kien jaghmel l-internal audit fil-Malta Drydocks. Ix-xoghol tieghu kien jikkonsisti fil-verifiki normali ta` l-internal controls u investigazzjonijiet ad hoc. Kien imur it-Tarzna gurnata iva u gurnata le fejn kien qatta` medja ta` tnax-il siegha fil-gimgha ghal tmintax-il xahar. Kellu l-inkariku li jissorvelja x-xoghol kollu tal-haddiema tad-dipartiment ta` l-internal audit tal-azjenda, li kienu minn sitta sa sebgha fl-ghadd. Apparti dawk il-hinijiet, kien isir xoghol iehor extra li gieli kien jintalab mit-Tarzna minhabba deadlines jew minhabba investigazzjonijiet pendenti. Kull investigazzjoni li kien jaghmel kienet tintalab mic-Chairman tat-Tarzna jew minn xi membru iehor tal-kunsill. Huwa deher quddiem il-kunsill biex jiddiskuti r-rizultati ta` l-investigazzjonijiet li kienu saru. Fost dawn l-investigazzjonijiet, kien hemm dik tax-xiri ta` injam u ta` pjanci tal-hadid, dwar xoghol fuq vapuri, u dwar il-konsum ta` zebgha. Huwa qatt ma rcieva ilmenti dwar il-mod kif kien jizvolgi xogholu. Bhala awdituri dejjem thallsu hlief fl-ahhar meta nqala` l-inkwiet peress li kien sab xi irregolaritajiet fis-sistemi interni. Dwar dawn saru rapporti bil-miktub u anke laqghat mac-Chairman u mal-membri tal-kunsill. Ghal dawn l-investigazzjonijiet, id-ditta attrici baqghet qatt ma thallset.

**Lino Debono** xehed illi bejn 1992 u 1994 gew inkarigati l-awdituri Grant Thornton biex jaghmlu investigazzjonijiet. Jaf li kienet qamet kwistjoni dwar hlasijiet. Kienet saret laqgha li ghaliha kienu prezenti Joseph Gauci, Dr Michael Scriha, ix-xhud, Dr Pawlu Lia bhala avukat tat-tarzna, John Darmanin u Albert Degabriele. Grant Thornton kienet ipprezentat lista tal-hinijiet li kienu ghamlu fit-tarzna. Il-lista ghaddiet ghand Albert Degabriele li kien issuggerixxa li Grant Thornton jibdew jippuncjaw. Grant Thornton kienu ppreparaw varji rapporti fuq il-hadid, iz-zebgha u anke fuq l-injam. Ikkonferma li huwa kien iqabbad lil Grant Thornton biex taghmel certa investigazzjonijiet. Anke Louis Spiteri kien jinkariga lill-awdituri biex jaghmlu investigazzjonijiet bhal fil-kwistjoni taz-zebgha. Sammy Meilak ukoll inkariga lil Grant Thornton biex jaghmlu xi investigazzjonijiet. Stqarr li mat-Tarzna huwa kellu kawzi pendenti billi jikkontendi li tkecca mit-Tarzna llegalment.

Ix-xhudipprezenta rapporti preparati minn Grant Thornton. Fost ohrajn ipprezenta r-rapport dwar il-*profit and loss of vessels before deducting overheads*. Minn dak ir-rapport, jirrizulta li l-kontijiet ma kinux qeghdin jinzammu tajjeb u kien qed ikun hemm telf mill-vapuri li jidhlu ghat-tiswija. Ipprezenta ittra li baghat Joseph Gauci dwar audit work li kien qed isir. Ipprezenta wkoll ittra ohra dwar investigazzjoni li kienet qed issir dwar *grid blasting*. Ipprezenta wkoll dokumenti dwar *diesel consumption* fejn kien irrizulta li ma kienx hemm kontroll ta` kif qed jinzamm u jintuza d-diesel. Kien hemm ukoll fuq investigazzjoni dwar xoghol fuq vapur li qatt ma dahal it-Tarzna. Ipprezenta wkoll dokumenti dwar investigazzjoni fejn kien irrizultat probema ta` *over billing* jew *underbilling* .

Kompla jghid illi l-unici investigazzjonijiet serji saru minn Grant Thornton li kienu anke investigaw *local purchasing* u l-kwistjoni taz-zebgha li fiha gew anke involuti l-pulizija. Fost ix-xoghol li ghamlu Grant Thornton kien hemm investigazzjoni fuq *local purchases* rigwardanti Tony Coleiro ; *overhead budget control report ; works report* fuq Manoel Island ; u serq minn fuq il-Katerina (liema xoghol gie mitlub li jsir minn Louis Spiteri).

**L-attur Martin Bonello Cole** xehed illi Emanuel Bonello & Co bdiet topera bhala audit firm fl-1975. Fiha kienu jahdmu missieru Emanuel Bonello u hu ; imbaghad dahhlu maghhom partners ohrajn. Id-ditta operat taht dak l-isem sal-1990. Fl-1991 sar merger ma` audit firm ohra Gauci Micallef & Co. Id-ditta l-gdida saret Bonello & Gauci Micallef. Fl-1993 l-isem tad-ditta inbidel ghal Grant Thornton Malta. In-negozjati mat-Tarzna ta` Malta bdiehom hu meta kien ghad hemm id-ditta Emanuel Bonello & Co billi fl-1989 harget *call for applications* ghal awdituri godda. Kien hemm assignment specifikat. Dwar xoghol iehor, kien hemm qbil li jsir *billing* separat. Dan l-arrangament baqa` jigi mgedded sal-1993 meta gie terminat. It-Tarzna kienu jafu bil-merger tal-1991. Ix-xoghol baqa` ghaddej. Wara li sar il-merger, il-partner Joseph Gauci kien inkarikat mix-xoghol u ha hsieb kollox hu. F`Marzu 1999, Joseph Gauci mar ghal rasu. Pero` fil-kuntratt tad-distakk ta` Joseph Gauci mill-firm kien stipulat li Joseph Gauci kellu jibqa` jiehu hsieb din il-kawza billi kellu interess fiha.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Il-kawza tal-lum minn sitt (6) atturi fil-kwalita` personali taghhom u bhala socji (*partners*) tad-ditta ta` *accountants* u awdituri "Grant Thornton Malta". Mhux kontestat li effettivament il-ftehim originali ta` servizzi lit-Tarzna ta` Malta kien konkluz mid-ditta Emanuel Bonello & Co (ara fol 30). Kif jirrizulta mid-dokument a fol 308, id-ditta Emanuel Bonello & Co inghaqdet ma` ditta ohra bl-isem "Gauci Micallef & Co" biex saru ditta ohra b`isem gdid "Bonello, Gauci & Micallef".

Fil-kors tal-gbir tal-provi, ma tressaq l-ebda patt jew ftehim li juri kif id-ditta kif Bonello, Gauci & Micallef bidlet l-isem ghal Grant Thornton Malta. Kull ma tirrizulta esebita hija ittra li baghat L. Spiteri bhala Deputy Chairman tat-Tarzna ta` Malta bid-data tal-20 ta` Gunju 1991 (fol 40), fejn it-Tarzna ta` Malta ferhet lil Bonello, Gauci & Micallef ghall-*merger* li kien sar bejn Emanuel Bonello & Co u Gauci Micallef & Co. Fl-istess ittra, Malta Drydocks awgurat lill-istess Bonello, Gauci u Micallef li kienu sejrin jigu utilizzati s-servizzi ta` Grant Thornton International. Fl-istess waqt fl-ittra ma hemm l-ebda accenn ghal xi bdil fl-isem ghal Grant Thornton Malta. Skond l-attur Martin Bonello Cole, kien biss fl-1993 – u allura qabel il-presentata tac-citazzjoni – li l-isem tad-ditta nbidel ghal Grant Thornton Malta.

Fil-kors tal-gbir tal-provi, kienu prezentati dokumenti li jikkonfermaw li kien tassew sehh il-bdil tal-isem tad-ditta ghal Grant Thornton Malta – fatt li bih kienet ben edotta t-Tarzna ta` Malta (ara fol 100 sa fol 105). Hemm ukoll id-dikjarazzjoni guramentata (<u>mhux kontradetta</u> dwar il-kwistjoni tal-bdil tal-isem) tal-attur Joseph Gauci u x-xhieda korraborativa tal-attur Martin Bonello Cole. Inoltre a fol 367 jirrizulta esebit dokument bil-firma ta` Lino Gatt – li xehed fil-kawza tal-lum u li kien membru tal-kunsill tat-Tarzna ta` Malta – fejn inghad hekk : "*kif gew mitluba mid-ditta ta` l-awdituri Ex Bonello Gauci & Micallef kif ukoll mill-kumpanija kif inhi maghrufa illum Grant Thornton Malta.*"

Din il-Qorti hija sodisfatta mill-prova li ghamlu l-atturi dwar il-bdil tal-isem ghal Grant Thornton Malta. Il-Qorti hija sodisfatta wkoll li d-ditta Grant Thornton Malta ghandha l-interess li trid il-ligi sabiex tippromwovi l-istanza tal-lum.

Fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni, il-kwesit li trid tindirizza u li trid tirrisolvi l-Qorti bil-pronunzjament taghha tal-lum huwa jekk l-attur Joseph Gauci una volta rrizulta li kienx baqa` socju ta` Grant Thornton Malta fil-mori tal-kawza kienx ghad kellu l-interess rikjest mil-ligi sabiex jibqa` fil-kawza mal-hames (5) atturi l-ohra. Fil-kawza Joseph Gauci qed jidher f`ismu propju u ghal Grant Thornton Malta bhala socju taghha. Ghalkemm ma tressqet l-ebda eccezzjoni *ad hoc* dwar din il-kawza, xejn ma jzomm lill-Qorti milli tissolleva hi *ex officio* l-kwistjoni ladarba rrizulta dan il-fatt fil-kors tal-kawza. Waqt il-kawza "**Kevin Chircop vs Joseph Chircop**" li kienet deciza minn din il-Qorti (**PA/PS**) fit-28 ta` Jannar 2004, kien rilevat illi l-Qorti tista` tissolleva *marte proprio* l-karenza ta` l-interess fl-attur billi kwistjoni ta` dik ix-xorta hija ta` ordni pubbliku li tobbliga lill-gudikant li jqajjem il-punt anke jekk il-partijiet joqghodu lura. Irrilevat il-Qorti illi l-gustizzja mhux semplicement tigi amministrata izda anke trid tkun qed tigi amministrata sew u skond il-ligi. Ghalhekk ir-rekwiziti ta` l-interess guridiku, dirett, legittimu u attwali fil-parti li tipproponi azzjoni jrid ikun skrupolozament imhares bis-solennita` procedurali kollha (ara wkoll : "**Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 19 ta` Mejju 2004).

Dan premess, il-Qorti tirrileva li l-attur Joseph Gauci esebixxa pagna wahda biss minn dokument li - skond hu - jirrigwarda t-tluq tieghu minn Grant Thornton fejn jirrizulta hekk :-

*"Transferor will continue to lead the litigations shown in Schedule D and will be entitled to 50% of net proceeds in the event of a successful conclusion of the case against Malta DryDocks for Lm24,000, after deducting all costs and expenses, and to 20% of net proceeds in the event of a successful conclusion of the cases shown in Schedule D after deducting all costs and expenses. This will apply even if collection shall have taken place after the two years relative to the revision of the sale price."*

L-intier tal-ftehim bejn Grant Thornton Malta u Joseph Gauci ma kienx esebit. Dan ghandu l-effett li jhalli lil din il-Qorti rinfaccjata bi prova ta` pagna wahda minn ftehim. Ghal din il-Qorti hija stramba l-ghazla processwali li ghamel Joseph Gauci. L-ahjar prova li Joseph Gauci kien obbligat jipprezenta kien il-ftehim kollu mhux pagna wahda minnu b`mod li halla lill-Qorti *all`oscuro* mill-kuntest ta` kif dik il-pagna tinserixxi ruhha fil-ftehim fl-interezza tieghu. Il-Qorti trid tghid illi x`hin wiehed jaqra l-klawsola citata b`mod izolat, jirrizulta biss li t-*transferor* jiehu 50% mill-*net proceeds*

fil-kaz illi tintlaqa` t-talba ta` Lm24,000 kontra t-Tarzna ta` Malta. Ma hemm xejn x` jindika min ser jiehu r-rimanenti 50%.

Ghalkemm il-Qorti dehrilha li kellha tissottolinea l-inkompletezza tal-prova, fl-istess waqt ma jasalx biex tghid illi Joseph Gauci m`ghandux l-interess rikjest mil-ligi biex ikompli fil-kawza. Biex tghid hekk, il-Qorti hadet ukoll kont ta` x-xiehda ta` Joseph Gauci, tax-xiehda ta` Martin Bonello Cole, tal-assidwita` tal-istess Joseph Gauci li jara lil din il-kawza tasal fil-konkluzjoni taghha. Fil-kaz ta` Joseph Gauci, ir-rekwiziti kollha li jaghmlu l-interess jissussistu kollha, kif del resto jirrizultaw fl-atturi l-ohra ; in partikolari, fil-kaz ta` Joseph Gauci, l-element tal-attwalita` jissussisti ladarba l-esitu ta` din il-kawza huwa utili u ta` vantagg ghall-istess Gauci.

Fl-istess eccezzjoni, il-konvenut insista li l-atturi kellhom jipprezentaw il-ftehim illi bih id-ditta Emanuel Bonello & Co. inghatat l-inkariku li tippresta servizzi bi hlas lit-Tarzna ta` Malta. Kif diga` kellha okkazjoni tirrileva, minn evalwazzjoni tal-provi li tressqu, jirrizulta bhala mhux kontestat li effettivament kien sar ftehim bejn Emmanuel Bonello & Co u t-Tarzna ta` Malta (fol 30).

**L-ewwel eccezzjoni qeghda tkun respinta**.

**Ikkunsidrat :**

## IV. It-talba

**Il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-talba attrici fil-kuntest tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut.**

Jirrizulta illi l-ftehim a fol 30 kien jirrigwarda xoghol prestabbilit u ghal dan ix-xoghol kien determinat hlas ta` Lm5,000 fis-sena.

Jirrizulta mill-istess ftehim illi ghal xoghol iehor, il-partijiet kellhom jaghmlu ftehim ad hoc.  Infatti fil-ftehim dahlet il-klawsola (ix) li taqra hekk :-

"*Should MDD require functions other than those outlined above, each instance will be discussed and negotiated  on an ad hoc basis.*"

**Issa fil-kawza tal-lum, l-atturi talbu l-hlas ta` <u>ammont shih u likwidat</u>, u cioe` s-somma ta` <u>Lm27,417</u>.**

Fl-affidavit li pprezenta Joseph Gauci a fol 361 sa fol 364 huwa fisser kif kien maghmul l-ammont mitlub.

U jghid illi :-

**1)** In kwantu ghal **<u>Lm3,837</u>** : dan kien bilanc li kien ghadu pendenti minn diversi invoices li kienu ntbaghtu lit-Tarzna ta` Malta u li parti minnhom kienu allegatament thallsu minghajr rizervi.  Din il-pretensjoni kienet tinkwadra ruhha fil-ftehim certament konkluzi bejn iz-zewg partijiet ;

**2)** In kwantu ghal **<u>Lm24,000</u>** : dan kien hlas ghal investigazzjonijiet li saru mill-atturi, u cioe` prestazzjonijiet li kienu addizzjonali, u distinti mix-xoghol l-iehor ; dwar il-hlas ta` dawn kellu jkun hemm ftehim ad hoc.

**Skond dak mistqarr minn Joseph Gauci, huwa accertat bhala fatt illi ghalkemm fic-citazzjoni ntalab hlas ta` ammont wiehed, fir-realta` dak l-ammont kien kostitwit minn zewg ammonti.**

**B`dan l-isfond l-ewwel diffikulta` tal-Qorti hija illi meta isir l-ghadd taz-zewg ammonti ndikati fl-affidavit ta` Joseph Gauci – li kien ix-xhud principali tal-atturi – tigi figura ta` Lm27,837 u dan meta t-talba attrici hija specifika ghal ammont inferjuri u cioe` Lm27,417. Ghala gara hekk il-Qorti ma tistax tghid. Li huwa cert huwa l-fatt illi ladarba l-Qorti ma ntalbitx taghmel likwidazzjoni izda ntalbet tordna l-hlas ta` ammont likwidat, il-Qorti hija marbuta bil-parametri tal-azzjoni attrici u hija legalment prekluza milli tordna hlas ta` ammont superjuri ghal dak indikat fic-citazzjoni. Fl-istess waqt il-Qorti tirrileva illi ladarba l-ammont indikat fic-citazzjoni kien wiehed komplessiv, l-unika prekluzjoni li ghandha hija li ma tordnax il-hlas ta` ammont superjuri ghal dak indikat fic-citazzjoni.**

**1) L-ewwel ammont**

Abbazi tal-affidavit ta` Joseph Gauci – partikolarment il-prospett a fol 366 - jirrizulta li mill-invoices li baghtu ghal xoghol li kien kopert bil-ftehim (ossija xoghol li ma kellux x` jaqsam ma` investigazzjonijiet u li ma kienx xoghol addizzjonali) kien ghad hemm bilanc ta` Lm3,837. L-argument ta` l-atturi huwa li l-invoices li kienu jibghatu qatt ma kienu kontestati ; tant illi sar pagament ta` parti mill-ammonti indikati fl-invoices.

Ix-xiehda ta` Lawrence Bilocca hija kuntrarja ghal dak li jsostnu l-atturi peress li skond dan ix-xhud il-pagamenti li saru kienu kollha minghajr pregudizzju, u saru dejjem ta` parti mill-ammont reklamat fl-invoice peress li l-ammont ta` l-invoice ma kienx accettat u kien kontestat. Inoltre l-invoices qatt ma kienu ffirmati mic-Chairman. Minkejja dan, il-konvenut ma gabx prova dokumentarja li sostenn ta` dak mistqarr minn Lawrence Bilocca, kif ukoll lanqas ressqet kopja ta` dawn l-invoices biex jintwera li dawn ma kinux qed jigu iffirmati mic-Chairman.

Mid-dokument a fol 366, jidher li kollox kien imhallas sa meta ntbaghtet l-invoice ta` l-24 ta` Gunju 1992 fl-ammont ta` Lm3,000. Wara sar hlas ta` Lm2863 fit-22 ta` Lulju 1992. U wara dak, hlas iehor ta` Lm1,800 fit-28 ta` Dicembru 1992. Jidher li fid-dati li saru l-pagamenti, kien jorbot mhux biss il-ftehim ta` l-Lm5,000, izda wkoll il-ftehim ta` l-Lm6,500 (liema ftehim kien jirrigwarda perijodu ta` sitt xhur ghal stharrig ta` impjegati). Ghalhekk, l-ammonti hemm indikati kienu wkoll jirriflettu l-hlas skond dak il-ftehim tal-ahhar. Jekk wiehed jara l-ammonti dovuti lill-atturi jirrizulta li fit-23 ta` Marzu 1992, kien hemm kont ta` Lm3,000 ; fl-24 ta` Gunju 1992, kien hemm kont ta` Lm3,000 ; fis-6 ta` Ottubru 1992, kien hemm kont ta` Lm3300 ; fl-20 ta` Novembru 1992 kien hemm kont ta` Lm1,100 ; u fl-4 ta` Dicembru 1992 kien hemm kont ta` Lm1,100. It-total ta` dawn il-kontijiet li essenzjalment ikopru is-sena 1992 jammontaw ghal Lm11,500, liema somma taqbel mal-ghadd tal-Lm5,000 (hlas ai termini tal-ftehim a fol 30) mas-Lm6,500 (hlas ai termini tal-ftehim ta` stharrig ta` l-impjegati).

**Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-ammont pretiz ta` Lm3,837 illum ekwivalenti ghal tmint elef disa` mija sebgha u tletin Ewro wiehed u tmenin centezmu (€8,937.81) <u>huwa dovut</u> lill-atturi.**

**2) <u>It-tieni ammont</u>**

Din il-Qorti fliet sewwa d-dokumenti esebiti mill-atturi. Il-Qorti taccetta li l-atturi ghamlu xoghol addizzjonali ta` investigazzjoni. Il-Qorti ma ghandhiex dubju li sabiex saru dawn l-investigazzjonijiet mill-atturi kien hemm l-awtorizzazzjoni ta` xi membru jew aktar tal-kunsill tat-Tarzna. Imcajpra kienet ix-xiehda ta` Sammy Meilaq (ex Chairman tal-kunsill) sabiex tista` l-Qorti - fuq li xehed - tasal biex tghid inkella le jekk kienx hemm l-awtorizzazzjoni tieghu. Il-Qorti qeghda taghmel enfasi fuq li xehed Sammy Meilaq partikolarment ghaliex irrizulta bhala prova li l-atturi kienu jwiegbu (“accountable”) lic-Chairman. Kien hemm imbaghad ix-xiehda ta` Lino Gatt – li din il-Qorti tikkwalifikaha bhala evasiva – li jistqarr li sema` bl-investigazzjonijiet izda ighid li ma kienx cert jekk qattx kienu prezentati rapporti lill-kunsill. Huwa difficli ghal din il-Qorti li taccetta bhala attendibbli din it-tip ta` testimonjanza minn persuna li dam tant snin membru tal-kunsill tat-Tarzna anke jekk meta xehed kien lahaq irtira biz-zmien. Dawn l-incertezzi fl-assett difensjonali tal-konvenut isostnu l-fehma tal-Qorti illi skond il-provi attrici kienu saru investigazzjonijiet tabilhaqq u li dawn kienu addizzjonali ghax-xoghol l-iehor tal-atturi.

Id-diffikulta` probatorja **oggettiva** li ghandha l-Qorti hija jekk tassew l-atturi kienx haqqhom jithallsu l-Lm24,000 li qeghdin jippretendu. Huwa sinfikanti illi baqa` ma kienx esebit il-ftehim ta` kif kellu jkun regolat il-hlas tax-xoghol addizzjonali. Kien jispetta lill-atturi li jaghmlu din il-prova. Kull ma tressqet ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti kienet invoice a fol 402 li turi li l-atturi kienu qeghdin jippretendu hlas ghax-xoghol ta` investigazzjonijiet fl-ammont ta` Lm24,000. Il-Qorti tirrafferma l-prova accertata li l-ftehim a fol 30 (u anke korrispondenza skambjata) kienet taghmilha cara li kwalunkwe xoghol addizzjonali kellu jithallass separatament u skond ftehim *ad hoc*. L-invoice hija l-pretensjoni mhux il-prova tal-modalita` tal-hlas. Din il-prova baqghet ma tressqitx.

L-atturi gabu l-argument illi kien hemm ittri li baghtu fejn kienu ndikaw kemm kellha tkun il-mizata dovuta lilhom ghal kull siegha xoghol. Izda rrizulta li l-ammonti ndikati mill-atturi ma kienux gew accettati jew approvati bil-miktub mit-Tarzna jew mic-Chairman. L-unici akkordi li rrizultaw li kienu accettati kienu l-hlas ta` Lm5,000 u dak ta` Lm6,500. Certament ma jistax jigi accettat li l-ammont stabbilit mill-atturi kellu bilfors jigi accettat mill-konvenut ; semmai kellu jsir ftehim *ad hoc* dwar il-hlas, accettat miz-zewg partijiet.

Il-Qorti hija tal-fehma illi ladarba ma hemmx prova sal-grad rikjest mil-ligi ta` kemm kellhom jedd jithallsu l-atturi ghax-xoghol addizzjonali, il-Qorti hija prekluza milli taqbad u taghmel hi *arbitrio boni viri* l-likwidazzjoni ta` dak li fil-fehma taghha huwa gust u ekwu li l-atturi jithallsu, tenut kont tal-parametri tal-istanza attrici u tal-provi li gabu l-atturi.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>L-imghax</u>**

Fic-citazzjoni, l-atturi talbu l-hlas tal-imghax.

Fil-kawza tal-lum il-Qorti sejra tordna l-hlas favur l-atturi ta` ammont inferjuri ghal dak li talbu fic-citazzjoni.

Fis-sentenza taghha tas-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone**" il-Qorti tal-Appell Inferjuri rrilevat illi fil-kaz meta t-talba tkun ghall-hlas ta` ammont specifiku u determinat, l-imghax ighaddi mid-data tan-notifika tad-domanda gudizzjarja (avviz jew citazzjoni). Dan ighodd anke jekk il-Qorti tordna l-hlas ta` ammont inferjuri ghal dak pretiz. Bil-fatt illi taghmel hekk ma jfissirx li l-ammont li tieghu jkun ordnat li jsir il-hlas isir ammont *da liquidarsi* ghall-fini tal-kalkolu tal-imghax. Fi kliem iehor il-principju *in illiquidis non fit mora* ma jghoddx ghal sitwazzjoni ta` din ix-xorta. Aktar u aktar fil-kaz tal-lum, fejn fir-realta` l-Qorti ma ghamlet l-ebda process ta` likwidazzjoni izda qieset il-pretensjoni, qieset il-provi u ddecidiet skond dawk il-provi. Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti (PA/PS) tad-9 ta` Dicembru 2002 fil-kawza "**Dr Simon Micallef Strafrace noe vs Adrian Mifsud et noe**".

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni parzjalment.**

**Tilqa` t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` tmint elef disa` mija sebgha u tletin Ewro wiehed u tmenin centezmu (€8,937.81) bl-imghax legali b`sehh mill-4 ta` Novembru 1994 (data tan-notifika tac-citazzjoni) sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------